**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/074 |
| **Allegazzjoni:** | Użu ta' fondi pubbliċi għall-finijiet ta' pubbliċità personali |
| **Ilmentatur:** | L-Onorevoli Dr Karol Aquilina |
| **Data tal-Ilment:** | 31 ta' Marzu 2025 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 6 ta' Lulju 2026 |

**L-Ilment**

1. Fit-31 ta' Marzu 2025, l-Onorevoli Dr Karol Aquilina (l-Ilmentatur) kiteb lil dan l-Uffiċċju biex jilmenta dwar riklam tal-gvern li deher fil-ġurnal *MaltaToday* intitolat "*Safeguarding Our Traditions*". L-Ilmentatur qal li l-artiklu jinkludi ritratti tal-Onorevoli Dr Owen Bonnici, dak iż-żmien Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, u tal-Onorevoli Alison Zerafa Civelli, dak iż-żmien Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali fl-istess ministeru, u li t-tnejn jissemmew fil-kontenut tal-artiklu. L-Ilmentatur allega li dan jirrappreżenta ksur tal-paragrafi 4.9, 4.10, 5.3 u 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta).

2. L-ilment huwa anness ma' dan ir-rapport bħala d-**Dokument A**.

3. Ir-riklam deher fil-gazzetta *MaltaToday* fit-23 ta' Marzu 2025, bħala artiklu mħallas (kif jidher fil-qiegħ tal-paġna indikat bil-kliem "*this is a paid collaboration*". L-artiklu jokkupa paġna sħiħa tal-gazzetta, u jinkludi ritratt li fih iktar minn terz tal-paġna, tmien paragrafi ta' kitba, u ritratt ieħor. Il-fatt li l-artiklu huwa indikat bħala wieħed imħallas ifisser li jammonta għal riklam.

4. Fl-ewwel ritratt, tidher l-Onorevoli Zerafa Civelli fuq in-naħa tal-lemin tar-ritratt, u warajha, jidher xi ftit l-Onorevoli Dr Bonnici. Fit-tieni ritratt, tidher l-Onorevoli Zerafa Civelli, flimkien ma' żewġ individwi oħrajn li mhumiex politiċi.

5. Sad-data ta' dan ir-rapport issejħet u saret Elezzjoni Ġenerali, u l-Onorevoli Dr Bonnici u l-Onorevoli Zerafa Civelli ġew eletti u ngħataw portafolli ġodda. Għall-finijiet ta' dan ir-rapport, kwalunkwe riferenzi għalihom bħala "il-Ministru" u "is-Segretarju Parlamentari" huma fil-kuntest tal-ilment u mhumiex riferenzi għall-karigi li għandhom illum il-ġurnata.

**Il-Kuntest**

6. Fis-17 ta' Marzu 2021 il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ta' dak iż-żmien, Dr George Hyzler, ħareġ rapport dwar riklam tal-gvern li deher f'diversi gazzetti. Ir-rapport ikkonkluda li r-riklam kien jinvolvi l-użu ta' fondi pubbliċi minn ministru għall-iskop ta' pubbliċità personali.[1] Il-Kummissarju Hyzler irrefera r-rapport tiegħu lill-Kumitat Permanenti tal-Parlament għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

7. Il-membri tal-Kumitat ivvotaw tnejn favur u tnejn kontra r-rapport. L-Ispeaker bħala president tal-Kumitat kellu vot deċiżiv, iżda astjena għaliex deherlu li kien hemm bżonn linji gwida li jistabbilixxu kriterji ċari dwar kif għandhom isiru r-riklami.[2] B'hekk ir-rapport ma ġiex adottat mill-Kumitat.

8. B'riżultat ta' dan, fit-2 ta' Awwissu 2021 il-Kummissarju Hyzler ippubblika dokument intitolat *Guidelines on Government Advertising and Promotional Material*. Dan id-dokument jgħid li l-linji gwida miġbura fih ma jirrappreżentawx regoli ġodda, iżda jindikaw biss kif għandu jiġi interpretat il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari f'każijiet li jinvolvu riklamar jew materjal promozzjonali tal-gvern.[3]

---

[1] Rapport dwar il-każ K/028, aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K028.pdf

[2] Ara l-motivazzjoni tal-vot tal-Ispeaker tat-28 ta' April 2021, aċċessibbli minn https://www.gov.mt/en/Government/DOI/Press%20Releases/PublishingImages/Pages/2021/May/03/pr210819/pr210819a.pdf.

[3] Ara l-paragrafu 1.3 tal-linji gwida, li huma aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/guidelines-government-advertising-promotional-material.pdf

9. Fl-1 ta' Ġunju 2022, il-Kummissarju Hyzler ħareġ rapport dwar każ ieħor li kien jinvolvi riklami tal-gvern.[4] Il-Kumitat għall-Istandards ħa deċiżjoni dwar dan il-każ fit-28 ta' Ġunju tas-sena ta' wara, jiġifieri l-2023. Il-membri tal-Kumitat reġgħu inqasmu tnejn favur u tnejn kontra r-rapport tal-Kummissarju, u l-Ispeaker ivvota kontra r-rapport. L-Ispeaker ibbaża l-vot tiegħu fuq il-fatt li l-linji gwida ta' Awwissu 2021 ma kellhomx saħħa legali.[5]

10. Sadanittant is-sottoskritt kien inħatar Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika. Fit-18 ta' Lulju 2023 huwa kiteb lill-Ispeaker bħala president tal-Kumitat għall-Istandards. F'din l-ittra, irrefera għaż-żewġ każijiet imsemmija fuq u qal:

> *Jekk wieħed iqis dawn iż-żewġ każi bħala preċedent, ifisser li l-Kumitat dwar l-Istandards la hu lest jistrieħ fuq il-kodiċi ta' etika ministerjali u lanqas ma huwa lest jirreferi għal-linji gwida huwa u jikkunsidra allegazzjonijiet ta' ksur ta' etika marbuta ma' riklami mħallsa minn fondi pubbliċi. B'hekk il-Kumitat effettivament ħoloq sitwazzjoni fejn huwa ma jistax jieħu azzjoni kontra tali ksur. Din is-sitwazzjoni għandha tiġi indirizzata b'urġenza.*[6]

11. Fl-istess ittra, is-sottoskritt irrakkomanda li l-linji gwida jingħataw ix-xejra ta' regoli u jiġu nklużi bħala addenda fil-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari. B'hekk il-linji gwida jkollhom bażi legali u jiġi eliminat kull dubju dwar il-validità tagħhom. Din ir-rakkomandazzjoni saret taħt l-artikolu 13(1)(g) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, iżda l-Kumitat baqa' qatt ma ħa deċiżjoni dwarha.

12. Is-sottoskritt sab ksur ta' etika marbut ma' riklami pubbliċi f'sitt każijet. Tnejn minn dawn il-każijiet ingħalqu mis-sottoskritt taħt l-artikolu 22(5) tal-Att wara li rċieva apoloġija mingħand il-persuna investigata. Bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Kummissarju għall-Istandards jista' jagħlaq każ jekk il-każ ma jkunx

---

[4] Rapport dwar il-każ K/041, aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wpcontent/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K041.pdf.

[5] Motivazzjoni tal-vot tal-Ispeaker tat-28 ta' Ġunju 2023, aċċessibbli minn https://www.gov.mt/en/Government/DOI/Press%20Releases/PublishingImages/Pages/2023/06/29/pr231024/pr231024a.pdf

[6] Din l-ittra hija aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wpcontent/uploads/recommendation-to-speaker-2023-07-18.pdf.

ta’ xorta gravi u l-persuna li ġiet investigata tirrimedja l-ksur ta’ etika b’mod li l-Kummissarju jqis adegwat.

13. Fl-ewwel wieħed minn dawn iż-żewġ każijiet, il-ministru konċernat saħansitra ħallas lura l-ispejjeż tar-riklam minn butu.[7]

14. Is-sottoskritt ma rċeviex apoloġija fl-erba’ każi l-oħra, u għalhekk kellu jirreferihom lill-Kumitat għall-Istandards. Wieħed minn dawn il-każi ġie deċiż mill-Kumitat fis-7 ta’ Novembru 2024. Il-membri tal-Kumitat għal darb’oħra vvotaw tnejn favur u tnejn kontra r-rapport, u l-Ispeaker ivvota kontra r-rapport. L-Ispeaker reġa’ bbaża l-vot tiegħu fuq il-fatt li l-linji gwida ta’ Awwissu 2021 ma kellhomx saħħa legali.[8] Dan kien minkejja li fir-rapport tiegħu, is-sottoskritt qal li ma kellux għalfejn jirreferi għal-linji gwida biex jikkonkludi li kien hemm ksur ta’ etika f’dan il-każ, għaliex din il-konklużjoni kienet evidenti meta jitqies il-kontenut tal-filmat relevanti.[9]

15. Ir-raba’ u l-ħames każijiet[10] ġew deċiżi fl-istess laqgħa tal-Kumitat tat-12 ta’ Jannar 2026. Wara li l-membri tal-Kumitat reġgħu vvotaw tnejn favur u tnejn kontra, l-Ispeaker ivvota kontra ż-żewġ rapporti. Hu rrepeta l-motivazzjoni tal-vot tiegħu, li sakemm il-linji gwida ma jiġux inklużi fil-kodiċi tal-etika rilevanti, ma jistax ikun hemm applikazzjoni ta’ sanzjoni.

16. Is-sitt każ ġie sottomess lill-Kumitat f’Diċembru tal-2025, u għadu pendenti quddiemu.[11]

---

7 Rapport dwar il-każ K/045, maħruġ fl-14 ta’ April 2023 u aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K045.pdf.

8 Traskrizzjoni tal-laqgħa tal-Kumitat tas-7 ta’ Novembru 2024 (aċċessibbli minn https://parlament.mt/media/132039/20241107_011d_sta.docx), paġni 2–5.

9 Ara l-paragrafi 19(a) u 29 tar-rapport dwar il-każ K/052 (4 ta’ Marzu 2024), aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-forStandards-case-report-K052.pdf.

10 Rapport dwar il-każ K/069, sottomess lill-Kumitat fl-24 ta’ Marzu 2025 u aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/commissioner-forstandards-case-report-k069.pdf, u rapport dwar il-każ K/067, sottomess lill-Kumitat fil-11 ta’ April 2025 u aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wpcontent/uploads/commissioner-for-standards-case-report-k067.pdf,

11 Rapport dwar il-każ K/075, sottomess lill-Kumitat fl-10 ta’ Diċembru 2025 u aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/commissioner-for-standards-case-report-k075.pdf

**Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni**

17. Is-sottoskritt deherlu li l-ilment hawn taħt konsiderazzjoni kien jimmerita investigazzjoni fid-dawl tad-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari:

> *4.9 Il-Ministri għandhom iżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku.*
>
> *4.10 Il-Ministri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku.*
>
> *5.3 Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem il-pubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom.*
>
> *7.4 Il-Ministri għandhom jirrispettaw l-imparzjalità tas-servizz pubbliku u jaraw illi l-influwenza tagħhom fuq is-servizz pubbliku ma tkunx abbużata.*

18. Is-sottoskritt deherlu li dan il-każ kellu jiġi kkunsidrat ukoll fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet tal-linji gwida tat-2 ta' Awwissu 2021:

> *2.3 Inter alia, government advertising may include:* [...]
>
> > *(d) advertorials, that is to say articles or opinion pieces that include more content than a normal advertisement but are still placed against payment;* [...]
>
> *3.5 Government advertisements, as distinct from promotional material, should not include the names or photographs of ministers.*

19. Il-ħlas għal dan ir-riklam preżumibbilment sar mill-Ministeru tal-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u għalhekk is-sottoskritt deherlu li kellu jirreferi l-ilment lill-Onorevoli Dr Bonnici kif ukoll lill-Onorevoli Zerafa Civelli. Dak iż-żmien l-Onorevoli Dr Bonnici kien il-Ministru responsabbli, filwaqt li l-Onorevoli Zerafa Civelli kienet is-Segretarju Parlamentari fl-istess ministeru, responsabbli għall-Gvern Lokali.

**Proċedura tal-Investigazzjoni**

20. Fl-4 t'April 2025, is-sottoskritt kiteb lill-Onorevoli Dr Owen Bonnici u lill-Onorevoli Alison Zerafa Civelli. Dawn l-ittri rreferew għad-dispożizzjonijiet ikkwotati fuq tal-kodiċi ta' etika ministerjali u tal-linji gwida. L-ittri talbu lill-Onor. Bonnici u l-Onor. Zerafa Civelli jagħtu l-veduti tagħhom b'mod ġenerali dwar l-ilment, u jgħidu ukoll:

(a) kemm sewa flus ir-riklam li huwa s-suġġett tal-ilment;

(b) jekk jikkonsidrawx li l-apparenza tagħhom fir-riklam kienet ġustifikata fl-interess pubbliku, u jekk iva, għalfejn;

(ċ) jekk ir-riklam kienx jirrispetta d-distinzjoni bejn l-irwol uffiċjali ta' membru tal-eżekuttiv u l-irwol ta' politiku f'kapaċità personali; u

(d) jekk ir-riklam kienx jaffettwa l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, peress li l-ħlas għalih preżumibbilment ġie awtorizzat minn uffiċjal pubbliku.

21. Is-sottoskritt ma rċieviex risposta u għalhekk reġa' kiteb lill-Ministru u lis-Segretarju Parlamentari fid-9 ta' Mejju 2025. Talab l-istess informazzjoni u infurmahom li fin-nuqqas ta' risposta, kien beħsiebu jkompli bl-investigazzjoni tiegħu.

22. Fil-15 ta' Mejju 2025, is-sottoskritt irċieva risposta mingħand l-Onorevoli Dr Bonnici u l-Onorevoli Zerafa Civelli, permezz ta' email (kopja annessa bħala **Dokument B**). F'din ir-risposta qalu li:

(a) il-ħlas għar-riklam kien ta' €1000 u pprovdew kopja tal-fattura rilevanti (annessa bħala **Dokument B1**);

(b) il-preżenza tagħhom fl-ewwel ritratt fl-artiklu tista' titqies koinċidentali, dan għaliex jidhru biss parzjalment u qalb folla numeruża ta' nies;

(ċ) iż-żewġ ritratti għandhom konnessjoni ma' attivitajiet li bbenefikaw mill-Iskema Karnival 2025;

(d) id-dehra ta' segretarju parlamentari f'ritratt flimkien ma' uffiċjali oħra ma jista' qatt jitqies bhala reklam personali, bl-istess mod li ma jistax jitqies bħala riklam personali għall-uffiċjali pubbliċi li jidhru magħha;

(e) l-artiklu ma ġiex ippubblikat fi żmien jew qrib ta' elezzjoni u dan juri li ma kien hemm l-beda forma ta' riklam jew promozzjoni personali jew partiġġjana;

(f) il-pubbliku għandu dritt ikun infurmat bil-ħidma tal-gvern;

(g) il-kontenut tal-artiklu kien intiż biex jinfurma lill-pubbliku dwar l-importanza tat-tradizzjonijiet domestiċi rilatati mal-Karnival kif ukoll dwar il-lokalitajiet li gawdew minn skemi intiżi li jissalvagwardjaw dawn it-tradizzjonijiet.

23. Dan il-każ jirrappreżenta l-ewwel ilment dwar infiq ta' fondi pubbliċi għal pubbliċità personali mill-Onorevoli Zerafa Civelli. Fl-istess perjodu, is-sottoskritt irċieva ilment ieħor dwar riklam simili li wkoll dehret fih l-Onorevoli Zerafa Civelli.

24. Għalhekk fit-18 ta' Frar 2026 is-sottoskritt kiteb lill-Onorevoli Zerafa Civelli fil-kuntest taż-żewġ ilmenti[12] u spjega li filwaqt illi jaċċetta li xogħol tal-gvern jista' jinkludi l-promozzjoni ta' skemi jew temi rilevanti dan xorta ma jiskużax id-dehra tagħha fl-artikli suġġetti ta' dawn l-ilmenti. Infurmaha li d-dehra tagħha jirrappreżenta ksur ta' etika. Madankollu, is-sottoskritt ipproprona li ż-żewġ ilmenti jiġu riżolti b'apoloġija taħt l-artikolu 22(5) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

25. Fit-8 t'April 2026, wara li ma rċieva l-ebda risposta għall-ittra tiegħu fejn talab apoloġija mingħand l-Onorevoli Zerafa Civelli, is-sottoskritt reġa' kitbilha u infurmaha li fin-nuqqas ta' risposta mingħandha, kien ser jgħaddi biex jikkonkludi l-każ tiegħu.

26. Fil-15 t'April 2026 l-Onorevoli Zerafa Civelli wieġbet permezz ta' email (kopja annessa bħala **Dokument Ċ**) fejn qalet li tibqa' tisħaq fuq is-sottomissjonijiet li kienet diġà għamlet, li ma kien hemm l-ebda kontenut partiġġjan jew riferenza għal isimha (is-sottoskritt jifhem li r-riferenza għal isimiha saret fil-kuntest tar-riklam suġġett tal-każ K/079 u mhux dan il-każ), u li dehret fir-riklam bħala Segretarju Parlamentari responsabbli għall-Gvern Lokali.

---

[12] Riferenza għall-investigazzjoni li saret in konnessjoni mal-każ numru K/079.

**Konsiderazzjonijiet**

27. L-ilment li ta lok għal din l-investigazzjoni jallega li żewġ membri tal-Eżekuttiv dehru u ssemmew f'riklam imħallas minn fondi pubbliċi. Is-sottoskritt għalhekk ikkunsidra il-kontenut tal-artiklu kif deher fl-intier tiegħu fil-gazzetta *MaltaToday*.

28. Is-sottoskritt jinnota illi dan l-ilment jirrappreżenta kontinwazzjoni ta' prattika li ilha għaddejja s-snin, u dwar liema kemm is-sottoskritt kif ukoll il-predeċessur tiegħu kkummentaw kemm-il darba. L-artiklu mħallas in kwistjoni, li jitkellem dwar il-Karnival fil-kuntest tal-kunsilli lokali f'Malta, huwa indikat b'mod ċar bħala artiklu mħallas. Mill-investigazzjoni ta' dan l-Uffiċċju, jirriżulta li l-ammont li ntefaq minn fondi pubbliċi għal dan l-artiklu kien ta' €1,180, li jinkludi l-ammont ta' €1,000 indikat mill-Onorevoli Dr Bonnici u l-Onorevoli Zerafa Civelli fis-sottomissjonijiet tagħhom, u t-taxxa fuq il-valur miżjud.

29. Fl-ewwel ritratt li hemm inkluż f'dan l-artiklu, tidher folla nies, ftit minnhom lebsin kostumi. Ħafna min-nies preżenti jidhru li qegħdin iħarsu lejn xi ħaġa li qed tiġri fuq in-naħa tax-xellug tar-ritratt. L-angolu tar-ritratt ma jurix dak li qed jiġri fuq in-naħa tax-xellug, però juri lill-Onorevoli Zerafa Civelli fuq quddiem fuq in-naħa tal-lemin, u warajha jidher parzjalment l-Onorevoli Dr Bonnici. L-Onorevoli Zerafa Civelli mbagħad tidher waħedha f'ritratt ieħor li hemm inkluż fl-istess artiklu, flimkien ma' żewġ persuni identifikati bħala uffiċjali pubbliċi, titkellem quddiem karru tal-Karnival. Kemm l-Onorevoli Dr Bonnici kif ukoll l-Onorevoli Zerafa Civelli huma msemmijin fil-kontenut tal-artiklu.

30. Il-kapaċità tal-gvern li jwassal messaġġi dwar materji ta' interess pubbliku ma tiddependix fuq l-inklużjoni ta' ministri f'riklami uffiċjali. L-ilment ma jittrattax dwar ir-riklam fih innifsu iżda dwar il-fatt li jidhru u jissemmew b'isimhom żewġ membri tal-Eżekuttiv.

31. Is-sottoskritt ma jaqbilx mal-argument imqajjem li l-apparenza tal-Ministru u tas-Segretarju Parlamentari kienet koinċidentali. Filwaqt illi l-ewwel ritratt magħżul juri folla nies, l-angolu tar-ritratt jindika lis-sottoskritt li l-għażla kienet intiża biex turi b'mod ċar wiċċ l-Onorevoli Zerafa Civelli. Is-sottoskritt jemmen illi seta' ġie inkluż ritratt ieħor li xorta kien ikun rilevanti għall-Karnival. Għandu jitqies li l-konnessjoni mal-Karnival f'dan ir-ritratt hija waħda limitata ferm, fejn bilkemm tidher l-attività li l-Onorevoli Dr Bonnici u l-Onorevoli Zerafa Civelli qalu kienet għaddejja meta ttieħed ir-ritratt.

32. Fir-rigward tat-tieni ritratt, fejn tidher l-Onorevoli Zerafa Civelli flimkien ma' żewġ uffiċjali, l-uffiċjali in kwistjoni ma jaqgħux taħt il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari u għalhekk l-argument li jqabbel il-preżenza tagħhom fir-ritratt ma' dik tal-Onorevoli Zerafa Civelli mhuwiex rilevanti għal dan il-każ.

33. Wara li għamel analiżi tal-kontenut tal-artiklu, is-sottoskritt innota li l-artiklu huwa miktub primarjament dwar l-irħula u l-bliet Maltin u l-kunsilli lokali tagħhom fil-kuntest tal-Karnival. Ma hemm l-ebda riferenza ċara għall-Iskema Karnival 2025, li għaliha rreferew l-Onorevoli Dr Bonnici u l-Onorevoli Zerafa Civelli fis-sottomissjonijiet tagħhom, u hemm paragrafu wieħed biss li jagħti eżempji ta' attivitajiet rilatati mal-Karnival li saru f'żewġ lokalitajiet.

34. Is-sottoskritt jinnota ukoll li l-Onorevoli Dr Bonnici jissemma fl-artiklu f'kuntest fejn kliemu ġew rappurtati u attribwiti lilu, dan kif ikkumparat ma' kwotazzjoni diretta ta' kliem li qalet l-Onorevoli Zerafa Civelli, li tidher mhux biss bħala kwotazzjoni iżda wkoll miktuba b'tipa grassa. Isimha, li ukoll deher darbtejn fl-istess paragrafu fl-artiklu, ukoll kien indikat b'tipa grassa. Jekk dan jitqies fil-kuntest tal-artiklu sħiħ, jagħti x'jifhem illi l-għan prinċipali ta' dan l-artiklu kien sabiex l-Onorevoli Zerafa Civelli tibbenefika minn pubbliċità personali.

**Konklużjonijiet**

35. Għalhekk, is-sottoskritt ma jsibx li hemm ksur ta' etika da parte tal-Onorevoli Dr Bonnici f'dan il-każ. Madankollu, is-sottoskritt ifakkar lill-membri tal-Eżekuttiv li ministru li jidher f'riklam maħsub biex jippubbliċizza miżura tal-Gvern jista' faċilment jagħti x'jifhem li qed jipprova jagħmel gwadann politiku jew personali. Fil-futur is-sottoskritt jista' jikkonsidra ilment simili b'mod differenti skont iċ-ċirkostanzi, anke jekk jidhirlu li riklam ġie koordinat minn membru tal-Eżekuttiv ieħor.

36. Għar-raġunijiet mogħtija fuq, is-sottoskritt jidhirlu li dan il-każ jirrappreżenta ksur ta' etika da parti tal-Onorevoli Alison Zerafa Civelli, fl-użu mhux xieraq ta' fondi pubbliċi; nuqqas ta' separazzjoni bejn l-irwol ta' ministru u ta' deputat; u nuqqas ta' rispett lejn l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, billi skont il-proċedura normali n-nefqa fuq ir-riklam kellha tiġi approvata minn uffiċjali fis-servizz pubbliku. Dan jinvolvi l-ksur tal-artikoli 4.9, 4.10, 5.3 u 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari.

37. Billi dan il-każ u l-każ K/079 kienu l-ewwel każijiet ta' din in-natura li jinvolvu lill-Onorevoli Zerafa Civelli, is-sottoskritt talab apoloġija mingħandha bl-għan li jikkonkludihom taħt l-artikolu 22(5) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Ġaladarba ma ngħatatx apoloġija, dan ir-rapport qed jiġi sottomess lill-Kumitat għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika skont l-artikolu 22(3) tal-istess Att għall-konsiderazzjoni tiegħu skont l-artikoli 27 u 28 tal-Att.

38. Skont il-proċedura miftehma mal-Kumitat fit-2 t'April 2019, dan l-Uffiċċju ser jinforma lill-Ilmentatur u lill-Onorevoli Dr Owen Bonnici u lill-Onorevoli Alison Zerafa Civelli li r-rapport ġie sottomess lill-Kumitat, u dan mingħajr ma jingħataw kopji tiegħu. Huwa rakkomandat li:

(a) Il-Kumitat jirrilaxxa dan ir-rapport kemm jista' jkun malajr fl-interess ta' trasparenza; u

(b) Il-Kumitat jagħti bidu ghall-proċess imsemmi fl-artikolu 3(4) tal-Att biex il-linji gwida tat-2 t'Awwissu 2021 jiġu inkorporati fil-kodiċi ta' etika ministerjali, kif indikat fl-ittra tas-sottoskritt tat-18 ta' Lulju 2023.

39. It-twettiq tat-tieni rakkomandazzjoni sar aktar importanti fid-dawl tar-Regolament (UE) 2024/900 tal-Unjoni Ewropea dwar it-trasparenza fir-riklami politiċi. Dan ir-regolament ġie adottat f'Marzu tal-2024 u beda jorbot lil kull pajjiż membru tal-Unjoni f'Ottubru tas-sena 2025. Skont dan ir-regolament, reklam politiku għandu jiġi identifikat b'mod ċar bħala tali, u għandu jiġi akkumpanjat minn avviż li jgħid fost affarijiet oħra kemm jiswa r-riklam u min ħallas għalih.[13]

40. Fil-fehma tas-sottoskritt, huwa possibbli li riklam tal-gvern li jagħti pubbliċità personali lil xi ministru jew segretarju parlamentari jitqies bħala riklam politiku skont ir-regolament. Dan jista' potenzjalment iwassal għal proċeduri kontra Malta minħabba nuqqas ta' osservanza tar-regolament. Għalhekk huwa fl-interess nazzjonali li r-riklami tal-gvern jiġu regolati lokalment b'mod li ma jqumux aktar dubji dwar l-għan veru tagħhom.

---

13 Ara https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2024/03/11/eu-introduces-new-rules-on-transparency-and-targeting-of-political-advertising/. Ir-regolament innifsu huwa aċċessibbli minn https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:L_202400900&qid=1744272335599.

41. Sakemm is-sitwazzjoni tibqa' kif inhi fil-preżent, is-sottoskritt bi ħsiebu jkompli jinterpreta l-kodiċi ta' etika ministerjali fid-dawl tal-linji gwida f'każijiet li jinvolvu riklami jew materjal promozzjonali tal-gvern.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument A | Ittra mingħand Dr Karol Aquilina datata l-31 ta' Marzu 2025; |
| Dokument B | Ittra mingħand l-Onorevoli Dr Bonnici u l-Onorevoli Zerafa Civelli datata l-15 ta' Mejju 2025; |
| Dokument B1 | Kopja tal-fattura għall-ħlas għar-riklam suġġett tal-ilment; |
| Dokument Ċ | Email mingħand l-Onorevoli Zerafa Civelli datata l-15 t'April 2026. |

Dokument A

KAROL AQUILINA
Membru Parlamentari

31 ta' Marzu 2025

Il-Prim Imħallef Emeritu Dott. Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl,
Il-Belt Valletta VLT 1210

Għażiż Sur Kummissarju,

**Rig: Ilment dwar reklam mill-Ministru Owen Bonnici u mis-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli**

Nhar il-Ħadd 23 ta' Marzu 2025 f'paġna numru 7 tal-gazzetta Maltatoday ġie ppubblikat reklam li ġie mħallas minn fondi pubbliċi u li kopja tinsab mehmuża ma' din l-ittra.

Dan ir-reklam huwa fil-forma ta' artiklu ppubblikat bi ħlas li fih jissemmew u huwa kkwotat dak li qalu l-Ministru Owen Bonnici u s-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli. Il-paġna tal-artiklu tinkludi wkoll żewġ ritratti, wieħed kbir li fih jidhru ħdejn xulxin il-Ministru Owen Bonnici u s-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli u ieħor taħtu li fih tidher is-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli. Fil-ġenb tal-artiklu tidher il-frażi "THIS IS A PAID COLLABORATION" liema frażi tikkonferma li sar ħlas biex ġie ppubblikat u għalhekk jikkostitwixxi reklam.

Kif m'għandix dubju li taf, il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (Kap. 570 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi:

> 4.9 Il-Ministri għandhom iżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku.
>
> 4.10 Il-Ministri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku.
>
> [...]
>
> 5.3 Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem il-pubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom.
>
> [...]
>
> 7.4 Il-Ministri għandhom jirrispettaw l-imparzjalità tas-servizz pubbliku u jaraw illi l-influwenza tagħhom fuq is-servizz pubbliku ma tkunx abbużata.

M'għandix dubju wkoll li taf li l-Guidelines on Government Advertising and Promotional Material ippubblikati nhar it-2 ta' Awwissu 2021 jipprovdu:

> 2.3 *Inter alia*, government advertising may include:
>
> [...]

m. [redacted] e. karol@karolaquilina.mt w. karolaquilina.mt

(d) advertorials, that is to say articles or opinion pieces that include more content than a normal advertisement but are still placed against payment; and

(e) sponsored interviews, features, and TV/radio/podcast spots and broadcast programmes in which the sponsor determines the interview questions or programme content

[...]

2.4 Communications that are normally published against payment, but which are not on any particular occasion, are still covered by these guidelines. These may include opinion pieces, features or video clips that are ostensibly carried without charge by media houses but are in fact part of a paid package.

[...]

3.5 Government advertisements, as distinct from promotional material, should not include the names or photographs of ministers.

[...]

3.7 A publication of the kind mentioned in paragraph 3.6(a) or 3.6(b) may include content referring to ministers, provided that –

[...]

(c) the publication is not circulated or broadcast against payment, or by means that would normally require payment, such that it would qualify as an advertisement for the purposes of these guidelines.

[...]

3.10 Government advertisements and promotional material should carry official logos or otherwise make it clear that they have been produced by or for the government. This applies in particular to advertorials and sponsored interviews or programmes and any paid content. The public should be made aware that such articles have been paid for with public funds. Government-sponsored publications should carry a declaration to that effect.

Fil-fehma tiegħi r-reklam li huwa s-suġġett ta' dan l-ilment jirrappreżenta ksur tal-paragrafi 4.9, 4.10, 5.3 u 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari mill-Minisru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici u mis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, l-Onor. Alison Zerafa Civelli.

Ippermettli nfakkrek u nenfasizza miegħek li fir-rapport tal-Każ Nru K/045 dwar pubblikazzjoni ta' reklam imħallas minn fondi pubbliċi għall-iskop ta' pubbliċità personali da parti tal-Ministru Clyde Caruana, inti kont ikkonkludejt hekk:

"24. Jekk ministru *jidher* f'riklam maħsub biex jippubbliċizza miżura meħuda mill-gvern, dan jagħti x'jifhem li l-ministru qed jipprova jagħmel gwadann politiku jew personali billi jieħu l-kreditu għat-tali miżura f'għajnejn il-pubbliku. Dan jirrappreżenta abbuż ta' fondi pubbliċi, sija pure f'dan il-każ ta' ammont żgħir

ħafna; nuqqas ta' separazzjoni bejn l-irwol ta' ministru u ta' deputat; u nuqqas ta' rispett lejn l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, billi l-proċedura amministrattiva titlob li uffiċjali fis-servizz pubbliku japprovaw in-nefqa fuq ir-riklam in kwistjoni.

25. Hija għal din ir-raġuni li l-linji gwida tat-2 ta' Awwissu 2021 jipprojbixxu l-użu tar-ritratti jew l-ismijiet ta' ministri f'riklami uffiċjali mħallsa minn fondi pubbliċi.".

Minkejja d-diversi deċiżjonijiet tiegħek dwar każijiet simili, jidher li l-Prim Ministru, il-Ministri u s-Segretarji Parlamentari qegħdin jibqgħu jagħmlu reklami għalihom nfushom imħallsin minn fondi pubbliċi bi ksur ċar u sfaċċat tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari.

Għaldaqstant filwaqt li qiegħed inressaq dan l-ilment għall-konsiderazzjoni tiegħek, ġentilment nitolbok twettaq investigazzjoni u tasal għal dawk il-konklużjonijiet u tagħmel dawk ir-rakkomandazzjonijiet li jidhirlek li jkunu xierqa f'dan il-każ. Jiena nibqa' fi kwalunkwe ħin u ċirkostanzi dispost li nipprovdik bl-informazzjoni u bl-ispjegazzjonijiet li tista' tkun meħtieġ.

Inselli għalik,

Karol Aquilina
Shadow Minister għall-Ġustizzja



# SAFEGUARDING OUR TRADITIONS

However small, Malta has her own unique traditions and celebrations. Some emerged from among our village and town communities over the centuries, others were adopted and transmuted into national events to highlight our Maltese identity. **Carnival is a typical case – a time of colour fusions, costumes and general merriment since even before the advent of the Knights of St John in 1530.** It is a tradition that has undergone various mutations as a result of past prohibitions and other social realities, before assuming its unique Maltese character. The one were celebrate and enjoy today.

For many years, however, there was the general feeling that village and town carnival celebrations across Malta and Gozo were gradually being lost due to new social attraction. Memories of the young and old wearing all sorts of homemade costumes and pygamas, celebrating carnival in their village and town pjazzas and narrow streets survived. They were the trigger to turning overall concern into initiatives aimed at reviving and safeguarding those local manifestations that precede the Lenten period. **Carnival without its local touch could have become a soulless event. People can now join the carnival spectacles in their localities, then merging with the masses in Valletta.** Happily, gone are the infamous potato and pastizzi battles of the past, though.

Carnival traditionally starts at village level before reaching its final revelry in the Capital. Both need the other. Recent years have seen the launching of various special schemes aimed at financially assisting those local councils interested in organising carnival celebrations within their localities. Such initiatives have helped in no small way in reviving the local carnival celebrations, alongside the massive aid provided to participants in the national events in Valletta.

**A total of 42 local councils across these Islands took part in this year's carnival.** At Marsa, for example, a combined band from the town's band clubs played a prominent part within the locality's activities that also included dancing troupes, floats, the popular maskaruni, and the presentation of traditional carnival treats such as the prinjolata and perlini. In Senglea, music and dancing performed by carnival companies featured with the participation of popular singers Glen Vella, Tiziana Calleja, and DJ Charles Field.

All 42 participating local councils received funds from the Local Government Division to provide parades, activities featuring traditional carnival food, and other happy events within their localities. The residents of Ħ'Attard, Mosta, Naxxar, San Ġwann, San Pawl il-Baħar, Birkirkara, Gżira, Ħal Għargħur, San Ġiljan, l-Isla, Bormla, Ħaż-Żabbar, Fgura, Floriana, Kalkara, Paola, Ħal Tarxien, Żejtun, Birżebbuġa, Gudja, Ħal Għaxaq, Ħamrun, Ħal Luqa, Marsa, Santa Luċija, Santa Venera, Siġġiewi, Ħad-Dingli, Ħal Kirkop, Imqabba, Qrendi, Rabat, Malta, Ħal Safi, Żurrieq, as well as Għajnsielem, Għarb, Munxar, San Lawrenz, Ta' Sannat, Xagħra, Xewkija, and Żebbuġ in Gozo were the beneficiaries.



The Minister for the National Heritage, the Arts and Local Government, Owen Bonnici, cited the importance of a nationwide celebration of carnival. He said everyone should have the opportunity to enjoy this traditional feast, including persons who are unable to make it to Valletta. Increased Government funds help local councils to provide better-quality activities that preserve Maltese traditions and culture.

The Parliamentary Secretary for Local Government, Alison Zerafa Civelli, too emphasised the need to involve local communities in carnival celebrations. This year's programme of activities reflected the Central Government's committment to safeguarding our traditions and culture in every village and town. **Alison Zerafa Civelli added "It is why we have insisted on providing more financial aid to local councils as they seek better tools and resources to offer better-quality activities."**

The carnival is well and truly over for this year, but there are other traditions and cultural activities to be held and safeguarded. While they form part of our combined national and historical memory, they pave the way for children and the young to eventually take the baton in preserving traditions and culture that underline our Maltese identity.

THIS IS A PAID COLLABORATION

GVERN TA' MALTA
MINISTRU GĦALL-WIRT NAZZJONALI,
L-ARTI U L-GVERN LOKALI

11, Triq San Pawl,
Valletta VLT 1210,
Malta.

Illum, 15 ta' Mejju, 2025.

**LILL: Kummissarju għall-Ħarsien tal-iStandards fil-Ħajja Pubblika**

Għażiż Kummissarju,

Primarjament nixtiequ niskużaw rwieħna għall-fatt illi it-tweġiba ma waslitx sad-data stipulata fl-ittra promotura u nirringrazzjawk tal-estensjoni.

L-ilment li rċevejt jagħmel referenza għall-artiklu li kien ippublikat bi ħlas fil-ġurnal MaltaToday tat-23 ta' Marzu 2025, fejn qed jiġi allegat ksur ta' etika għar-raġuni li l-istess artiklu huwa meqjus bħala reklam imħallas mill-fondi pubbliċi u li fih nidhru aħna.

Illi irid jingħad illi ma seħħ ebda ksur tal-Kodiċi.

***a) Kemm sewa flus dan ir-reklam li hu suġġett tal-ilment;***

Dan ir-reklam ġie jiswa €1000 (irċevuta annessa u mmarkata bħala Dok "A").

***b) Jekk tikkonsidrax l-apparenza tiegħek f'dan ir-reklam kien ġustifikat fl-interess pubbliku, u jekk iva, għalfejn u (Paragrafu 3.5 tal-Linji Gwida)***

Ir-riferenza għall-apparenza tagħna fiż-żewġ ritratti fejn l-ewwel wieħed nidhru **parzjalment fir-rokna estrema tal-lemin tar-ritratt ġewwa folla numeruża ta' nies** waqt attività tal-karnival imtella mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq bl-għajnuna tal-fondi mll-**iSkema Karnival 2025**. Huwa evidenti li l-apparenza tagħna fir-ritratt ta' fuq tista' titqies koinċidentali, tenendo kont il-komposizzjoni u l-istruttura viżwali tar-ritratt.

In kwantu it-tieni ritratt jiena Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Gvern Lokali nidher **akkumpanjata ma' żewġ uffiċjali** oħra u ċioe is-sindku ta' Ħaż-Żabbar is-sur Jorge Grech, kif ukoll id-direttur ġenerali tad-Dipartiment responsabbli tal-Gvern Lokali, is-sur Emile Vassallo waqt it-tnedija ta' attività tal-karnival organizzata mill-Kunsill, liema attività ukoll ibbenefikat mill-**iSkema Karnival 2025**.

Illi li s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Gvern Lokali tidher f'ritratt ma' uffiċjali oħra, inkluż mis-servizz pubbliku, jikkomunika mar-residenti tal-lokal, jinformahom fuq l-iskema huwa politikament responsabbli u ma jista qatt jitqies bħala reklam personali. Għandu jingħad ukoll in sostenn ta' dan illi dan l-artiklu ma ġiex pubblikat fi żmien jew qrib xi elezzjoni ta' kwalunkwe tip u allura wieħed jista jifhem li ma hemm l'ebda intenzjoni jew imqar ħsieb illi ikun hemm xi forma ta' reklam jew promozzjoni personali, jew waħda ta' politika partiġġjana.[1]

Inoltre għandu wkoll jitqies ta' interess pubbliku il-ħidma tal-gvern fid-diversi lokalitajiet, u l-pubbliku għandu dritt ikun informat. Dan id-dritt minn naħa l-oħra jobbliga lilna, l-eżekuttiv li ninfurmawhom bl-aktar mod effettiv u effikaċi.

c) ***Jekk ir-riklam jirrispettax id-distinzjoni bejn l-irwol tiegħek bħala ministru/segretarju parlamentari u bħala politiku fil-kapacità personali tiegħek; (Artikolu 4.9 ta' Kap. 570 tal-liġijiet ta' Malta)***

Illi la mir-ritratti u wisq anqas mill-artiklu innifsu wieħed jista b'xi mod jasal għall-konklużjoni illi huwa xi promozzjoni jew reklamar fil-konfront tagħna bħala politiċi fil-kapacità personali. Filwaqt li l-ispjegazzjoni fuq ir-ritratti hija mogħtija fir-risposta preċedenti, jekk wieħed jaqra l-artiklu jista faċilment jirrikonoxxi fattwalment illi huwa intiż sabiex jinforma lill-qarrej fuq l-importanza tat-tradizzjonijiet kulturali domestiċi u l-istorja tagħhom, f'dan il-każ il-Karnival.

L-artiklu jkompli jgħid illi l-gvern, tramite skemi bħal dawn, huwa intiż li jissalvagwardja dawn it-tradizzjonijiet billi jkun ta' spalla għal-lokalitajiet kollha f'Malta u Għawdex. Ikompli billi jinforma lill-qarrej bin-numru tal-lokalitajiet illi gawdew minn din l-iskema. Illi allura dan żgur ma jistax jiġi meqjus bħala riklam, u allura fattwalment intiż biex jinforma lill-pubbliku, għall-interess tal-istess.

Għaldaqstant ukoll, il-kontenut huwa relatat *in totum* mal-funzjoni u r-responsabbilità tal-Ministru u s-Segretarju Parlamentari u perċio il-kunċett ta' distinzjoni bejn l-irwol ta' Ministru/Segretarju Parlamentari f'dan il-każ u deputat taħt kappa ta' partit politiku a tenur ta' artikolu 4.9 ta' Kap 570 tal-liġijiet ta' Malta baqgħet evidentament mhux mittiefsa.

d) ***jekk ir-riklam jaffettwax l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, peress li l-ħlas għaliħ prezumibbilment ġie awtorizzat minn uffiċjal pubbliku. (Artikoli 4.10, 5.3 u 7.4 ta' Kap. 570 tal-liġijiet ta' Malta).***

Nibdew billi ngħidu illi taħt it-tieni skeda, propju artikolu 10.1 tal-kodiċi imsemmi wieħed isib stipolat:

***"il-Ministri għandhom jgħarrfu lill-pubbliku u lill-media bl-attivitajiet ministerjali fuq bażi regolari u b'mod organizzat"***

Issa, fl-opinjoni tiegħi, jekk wieħed jaqra l-artiklu ippubblikat li fattwalment huwa miktub bil-ħsieb li jinforma lill-pubbliku fuq storja, tradizzjoni u avvenimenti tul il-perjodu tal-karnival irid ikollu immaġġinazzjoni fertili biex b'xi mod jasal għall-konklużjoni li miktuba b'parzjalità jew li hi intiża biex tamplifika xi partit u tbaxxi lill-ieħor. Di fatti wkoll, ma hemm la referenza għall-partit jew ieħor wisq lanqas analoġiji tal-istess.

Jekk minn naħa l-oħra l-ilmentatur irid jipponta lejn ir-ritratti se nerġgħu nirribadixxu illi ir-ritratt ta' fuq jiffoka fuq il-folla ta' nies li qed igawdu waqt dan l-avveniment, imbagħad fil-ġenb estrem, li wieħed faċilment jista ma jinnotax, nidhru aħna u allura id-dehra hija purament każwali, koinċidentali u perċio ma jistax raġonevolment jitqies bħala ritratt "Tagħna ".

Nirribadixxu l-istess fuq it-tieni ritratt, li żgur ma jagħtikx x’tifhem illi huwa l-element prinċipali tal-pubblikazzjoni fejn lis-Segretarju Parlamentari jġibha ma' żewġ uffiċjali oħra li magħhom u flimkien ma' persuni oħra rajna li din l-iskema tħalli l-frott tagħha. L-ilmentatur forsi jkollu nofs argument kieku dan ir-ritratt iġib lis-Segretarju Parlamentari waħidha iffokat fuqha, fil-pożizzjoni ta’ fuq tal-paġna u ta’ daqs ikbar u prominenti. Dan mhux il-każ, u naqsu, jekk l-ilmentatur jinferixxi illi dan ir-ritratt qed jippromwovi il-persuna tas-Segretarju Parlamentari politikament, qed jagħmel l-istess għas-sur Emile Vassallo u s-sur Jorge Grech?

Li jista jingħad huwa illi la jekk taqra l-artiklu, jew tara r-ritratti jew toħodhom kollettivament ma tista tasal tgħid illi jaffetwa l-imparzjalità tas-servizz pubbliku u għaldaqstant bl-istess mod huwa in aderenza ma dak li jitlob artikolu 5.3 tal-kodiċi imsemmi.

In konklużjoni nagħmlu referenza għad-deċiżjoni tiegħek fil-każ K-028 fejn fi kliemek spjegajt illi l-indizju li wieħed jieħu sabiex jevalwa jekk pubblikazzjoni hiex waħda informattiva fl-interess pubbliku, huwa l-prominenza viżwali (ritratt/i) tal-ministru/segretarju parlamentari ikkonċernat, skontrat mal-informazzjoni mogħtija fl-artiklu. Hija fil-fehma tagħna illi tal-aħħar mhux talli hija dettaljata u miktuba b’diliġenza biex tinforma lill-pubbliku imma talli tippredomina manifestament il-pubblikazzjoni.

Għaldaqstant qiegħda umilment nitolbok, a bażi tas-suespost, tirrespinġi l-ilment odjern.

Insellu għalik,

Onor. Owen Bonnici
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Onor. Alison Zerafa Civelli
Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali

[1] Ara deċiżjoni K/028.

Dokument B1

# MEDIA TODAY CO LTD

Vjal ir-Rihan
San Gwann SGN9016
Malta

Tel:+356 21382741/2/3 Fax:+356 21381992
VAT Reg. No: MT16632722

MINISTRY FOR THE NATIONAL HERITAGE,
THE ARTS & LOCAL GOVERNMENT
30,
OLD TREASURY STREET
VALLETTA

**Date** 23 Mar 2025

**A/C Code** MIN
**Sys Ref** 00148863
**Int Ref** IN 045546
**Ext Ref** AF
**Page** 1

## Invoice 045546

| Details | EUR | VAT % |
|---|---|---|
| MALTATODAY - 23.03.2025 - REF: 1000422 - BO: 40192002 - 11 OF 12 | 1,000.00 | 18.0 |
| Subtotal | 1,000.00 | |
| VAT Amt | 180.00 | |
| **TOTAL EUR** | **1,180.00** | |

| VAT Rate | Amount | VAT Amount |
|---|---|---|
| 18.0 | 1,000.00 | 180.00 |
| | **1,000.00** | **180.00** |

## MEDIA TODAY CO LTD

Bankers: Bank of Valletta plc
Bank Address: Saqqajja Sqr, Rabat, Malta
Bank Swift Code: VALLMTMT
IBAN Number: MT71 VALL 2201 3000 0000 4001 3525 383

Terms of payment, 30 days. 8% Interest will be charged if not settled within our terms of Payment. Failure to effect payments when due will constitute a default. In the event of a default, the company (MEDIATODAY Co. Ltd.) shall have the right to refer such defaults to a credit reference agency/ies e.g. Creditinfo Malta for registration in it's database.



# SAFEGUARDING OUR TRADITIONS

However small, Malta has her own unique traditions and celebrations. Some emerged from among our village and town communities over the centuries, others were adopted and transmuted into national events to highlight our Maltese identity. **Carnival is a typical case – a time of colour fusions, costumes and general merriment since even before the advent of the Knights of St John in 1530.** It is a tradition that has undergone various mutations as a result of past prohibitions and other social realities, before assuming its unique Maltese character. The one were celebrate and enjoy today.

For many years, however, there was the general feeling that village and town carnival celebrations across Malta and Gozo were gradually being lost due to new social attraction. Memories of the young and old wearing all sorts of home-made costumes and pygamas, celebrating carnival in their village and town pjazzas and narrow streets survived. They were the trigger to turning overall concern into initiatives aimed at reviving and safeguarding those local manifestations that precede the Lenten period. **Carnival without its local touch could have become a soulless event. People can now join the carnival spectacles in their localities, then merging with the masses in Valletta.** Happily, gone are the infamous potato and pastizzi battles of the past, though.

Carnival traditionally starts at village level before reaching its final revelry in the Capital. Both need the other. Recent years have seen the launching of various special schemes aimed at financially assisting those local councils interested in organising carnival celebrations within their localities. Such initiatives have helped in no small way in reviving the local carnival celebrations, alongside the massive aid provided to participants in the national events in Valletta.

**A total of 42 local councils across these Islands took part in this year's carnival.** At Marsa, for example, a combined band from the town's band clubs played a prominent part within the locality's activities that also included dancing troupes, floats, the popular maskaruni, and the presentation of traditional carnival treats such as the prinjolata and perlini. In Senglea, music and dancing performed by carnival companies featured with the participation of popular singers Glen Vella, Tiziana Calleja, and DJ Charles Field.

All 42 participating local councils received funds from the Local Government Division to provide parades, activities featuring traditional carnival food, and other happy events within their localities. The residents of Ħ'Attard, Mosta, Naxxar, San Ġwann, San Pawl il-Baħar, Birkirkara, Gżira, Ħal Għargħur, San Ġiljan, l-Isla, Bormla, Ħaż-Żabbar, Fgura, Floriana, Kalkara, Paola, Ħal Tarxien, Żejtun, Birżebbuġa, Gudja, Ħal Għaxaq, Ħamrun, Ħal Luqa, Marsa, Santa Luċija, Santa Venera, Siġġiewi, Ħad-Dingli, Ħal



Kirkop, Imqabba, Qrendi, Rabat, Malta, Ħal Safi, Żurrieq, as well as Għajnsielem, Għarb, Munxar, San Lawrenz, Ta' Sannat, Xagħra, Xewkija, and Żebbuġ in Gozo were the beneficiaries.

The Minister for the National Heritage, the Arts and Local Government, Owen Bonnici, cited the importance of a nationwide celebration of carnival. He said everyone should have the opportunity to enjoy this traditional feast, including persons who are unable to make it to Valletta. Increased Government funds help local councils to provide better-quality activities that preserve Maltese traditions and culture.

The Parliamentary Secretary for Local Government, Alison Zerafa Civelli, too emphasised the need to involve local communities in carnival celebrations. This year's programme of activities reflected the Central Government's commitment to safeguarding our traditions and culture in every village and town. **Alison Zerafa Civelli added "It is why we have insisted on providing more financial aid to local councils as they seek better tools and resources to offer better-quality activities."**

The carnival is well and truly over for this year, but there are other traditions and cultural activities to be held and safeguarded. While they form part of our combined national and historical memory, they pave the way for children and the young to eventually take the baton in preserving traditions and culture that underline our Maltese identity.

THIS IS A PAID COLLABORATION

Dokument Ċ

**From:** Zerafa Civelli Alison 1 at MCLG
**To:** Sarah Pace Warrington - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Cc:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life; Galea Francis at MCLG
**Subject:** RE: Każijiet K/074 u K/079 – Ittra mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
**Date:** Wednesday, 15 April 2026 14:10:44

**This email comes from outside the organization.**

Do not click links or open attachments unless it is an email you expected to receive.

Ghaziz Sur Kummissarju,
Prim Imhallef Emeritu,

Nirreferi ghall-ittra tieghek datata 8 ta' April, 2026 b' riferenza ghall-kazijiet fis-suggett.

Nirringrazzjak tal-komunikazzjoni tieghek u nikkonferma li kkunsidrajt bir-reqqa l-kontenut taghha.

Nibqa' nishaq fuq dak li diga ssottomettejt u nfakkar b' mod ahhari li r-referenzi fl-artikoli msemmijin ma kellhom l-ebda kontenut ta' natura partiggjana u ma kien hemm ebda referenza ghal ismi.

Jiena dehert fl-artikolu fl-irwol tieghi bhala Segretarju Parlamentari responsabbli ghall-Gvern Lokali.  Ghalhekk nirritjeni li l-Kummissarju Prim Imhallef Emeritu jista' gentilment jghaddi ghar-rapport finali tieghu.

Nirringrazzjak,

Alison Zerafa Civelli
Parliamentary Secretary
Parliamentary Secretariat for Local Government

t +356 22264810  e alison.zerafa-civelli.1@gov.mt
gov.mt | publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

MINISTRY FOR CULTURE, LANDS AND LOCAL GOVERNMENT
185, MELITA STREET, VALLETTA, MALTA

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*